# IL-MALTEMP U AĦNA

**John Vassallo**

Fil-lejl ta' bejn il-Ħamis u l-Ġimgħa, l-10 u l-11 ta' Novembru ta' din is-sena, l-ajru għamel waħda minn tiegħu u l-ilmijiet li niżlu fakkruna fil-maltempata ta' Ottubru tas-sena 1979. Meta sebaħ il-Ġimgħa fil-għodu bdejna nindunaw bil-ħerba li ħalliet warajha x-xita qawwija li għamlet.

Biex tagħqad, reġgħet niżlet xita qawwija fil-lejl ta' bejn il-Gimgħa u s-Sibt, il-11 u t-12 ta' Novembru u l-ilmijiet komplew issiġillaw l-id tal-qerda tagħhom.

Aħna s-Siġġiewin ukoll messna mit-torta, u wara l-maltempata kulħadd qam jitkellem fuq kif laqtitu x-xita. Min igerger kemm daħallu ilma, min jgħid li ma laħaqx ħalleb il-bjut, u x'naf jien. Il-bidwi moħħu jmur malajr fuq l-egħlieqi tiegħu u dawk l-imberkin ħitan tas-sejjieħ. Ngħiduha kif inhi, wara ħalba xita dejjem issib xi selħa 'l hawn u 'hinn, aħseb u ara meta x-xita tinżel bil-qliel. Jien xorta waħda nibqa' ngħid li s-sejjieħ l-ebda ħajt tal-kantun ma jeħodlu postu għal ħafna raġunijiet.

Imma niġu għall-ħsieb ewlieni li kelli f'moħħi meta ktibt dan l-artiklu.

Meta rajna t-toroq qerrieda li ħallew warajhom l-ilmijiet kbar li għamlu, is-soltu tagħna l-Maltin, bdejna ngergru. Min qal li hawn Malta m'hemmx triq tan-nofs, jew nejja jew maħruqa, min iwaħħal f'ħaġa u min f'oħra. Kien hemm min saħansitra weħel il-Mulej ma' rasu. "Dan kollu kastig", qalu. Huwa veru li Alla ġie li nqeda bin-natura biex beżbiżna ftit, u ngħiduha kif inhi .... kultant ħaqqna agħar minn hekk għax imqarbin wisq. Imma naħseb li dil-kwalita' ta' kastig kultant inkunu aħna stess li nagħtu lilna nfusna. Tgħiduli, biex ġej illum; mela hawn xi ħadd li jagħmel il-ħsara lilu nnifsu?

Hemm, tafux; naraw ftit kif.

Jekk niflu ftit il-ħsarat li saru nsibu li dawn, il-parti l-kbira tagħhom, saru fil-widien jew fejn xi darba kien jgħaddi wied.



IL-KANAL LI L-ILMA KIXEF U LI KIEN MIRDUM

Nieħdu s-Siġġiewi. Minn dejjem kien isaħħarni l-wied tal-Hesri, u l-ewwel li żort kien lilu. Kif tarah tħoss għafsa ta' qalb. Saħansitra t-troll kien kważi ngarr mill-ilma. X'ħin ittawwalt biex nara l-bokok tiegħu, insib li tlieta minnhom kienu misduda, b'qasab, tank tal-ħamsa u erbgħin u skeletru ta' fridge. Jiġri mbagħad li l-livell ta' l-ilma jogħla u allura, addio ċ-ċnut li kellu, għax quddiem is-saħħa ta' l-ilma miexi ħadd ma jieqaf.

It-triq li tagħti għall-istess wied, minn Triq l-Imdina 'l isfel biex niftehmu, ukoll kienet maqlugħa, speċjalment 'l isfel qrib il-wied. Morru araw b'għajnejkom stess u tinnotaw li fuq ix-xellug int u nieżel, taraw li l-ilma kixef gandott antik li n-nanniet tagħna kienu jħallu biex jiskula fih u ma jagħmilx ħsara lit-triq. Din is-sistema kienet tintuża f'ħafna toroq oħra li jagħtu għall-widien. Illum, biex nirbħu żewġ piedi triq, dawn irdamnihom. Imbagħad ingergru li l-ilma qala' t-triq.

Minn dan biss diġa' rajna li aħna għandna parti kbira mill-ħtija tal-ħsara li ġrat. U hawn nixtieq insaqsi: Kemm se ndumu ma naqtgħu dal-misħut vizzju li narmu barra, speċjalment skart goff fil-widien? Għaliex jaħasra ma nċemplux lill-Bulk Refuse, u dawn jagħmlu appuntament magħna u jiġu jeħduh minn wara biebna?



IL-HSARA LI HALLA WARAJH IL-MALTEMP

Issa, ejja nżuru żewġ postijiet oħra magħrufa ħafna minna s-Siġġiwin: Tabrija u Wied iż-Żebbuġi.

Il-wied ta' Tabrija, li wara jagħqad mal-Hesri, fl-antik ma kienx fejn hu l-lum. Il-granmastru Lascaris kien ħaffer wied fuq in-naħa ta' l-Irziezet u l-qadim radmu bil-ħamrija u dawru b'ħajt għoli. Għad hemm lapida li tfakkar dil-ġrajja. Fl-ilmijiet ta' Ottubru 1979, il-wied fetaħ il-ħajt ta' Lascaris u reġa' għadda minn fejn kienilu jgħaddi minn żmien żemżem.

L-istess ġara f'Wied iż-Żebbuġi. Sa ftit taż-żmien ilu kien hemm gandott fuq in-naħa tal-lemin ta' Triq l-Imqabba. L-istess kien hemm fit-triq li hemm bejn il-Wied ta' Sant'Andrija u Wied iż-Żebbuġi. L-ilmijiet ta' dawn kienu jgħaddu minn taħt speċi ta' troll li kien hemm fejn illum hemm ir-roundabout u jitfgħu għal ġo Wied iż-Żebbuġi. Dawn iżda ġew mirduma biex titwessa' t-triq. Imma taf x'kont nisimgħu jgħid 'il missieri, Alla jaħfirlu: "Il-wied minn fejn kien jgħaddi jerġa'

(ikompli f'paġna 13)

(ikompli minn paġna 5)

jgħaddi". U, balleċ, veru tafx, għax kemm fl-ilmijiet ta' Ottubru tal-1979 u kemm issa, kollox reġa' nfetaħ.

Haġa oħra. Il-volum ta' l-ilma għal ġol-widien żdied ħafna bil-ftuħ ta' toroq ġodda. Għal Wied iż-Żebbuġi, biż-żejjed insemmu Triq ir-Rebbiegħa u l-Qajjied. L-ilma ta' dawn kollu hemm isfel jispiċċa. Toroq u bini ġdid ħadu l-post ta' egħlieqi li qabel kienu jassorbu kwantita' kbira ta' ilma. Barra minn hekk, fejn fl-antik kull dar kien ikollha l-bir tagħha li kien iservi għall-ħasil u għax-xorb/tisjir, illum jew qed isiru tant żgħar li jimtlew b'beżqa xita, jew l-ilma prezzjuż tal-bjut tagħna qegħdin nitfgħuh barra t-triq jew ġod-drenaġġ. X'ma jtirux it-tappieri tad-drenaġġ hekk kif tagħmel bexxa xita! Kemm hawn minna jafu, per eżempju, li l-iskola tar-raħal tagħna, dawk il-bjut kollha u ż-żewġ grounds tagħna kollha jferrgħu għal ġod-drenaġġ? Kieku meta nbniet, l-awtoritajiet ħasbu biex fil-ground t'isfel iħaffru ġibjun kbir u jsaqqfuh, kieku fis-sajf ikun hemm minn fejn jaqdu l-bdiewa kollha tar-raħal u jifdu l-ispejjeż tat-tħaffir tal-ġibjun fi ftit snin.

Qed taraw l-aħwa kif it-tort ta' kull ma qed jiġri hu kważi dejjem tagħna u li m'għandna nwaħħlu f'ħadd ħlief fina nfusna.

X'jista' jsir biex dil-ħsara kollha almenu titnaqqas?

Nibdew l-ewwel mill-awtoritajiet. Dawn għandhom jaraw li fejn hemm wied naturali, dan jibqa' wied u ma jsirx la bini u anqas toroq fih. Jekk imbagħad it-triq hi bżonnjuża ħafna allura jinbena 'fly-over' fuqha. L-ispejjeż li jsiru fiha jiġu ffrankati 'l quddiem, għax triq f'wied tinqala' kull darba li jagħmlu l-ilmijiet.

It-tieni, tiġi msaħħa l-liġi li d-djar ikollhom il-bir tagħhom. Jinbnew ġibjuni u jitħaffru bjar akbar fir-raba tagħna. B'hekk jiġi miġbur aktar ilma prezzjuż milli dan imur fil-widien u jispiċċa l-baħar wara li jħalli warajh ħerba sħiħa. Jekk hemm bżonn il-gvern għandu joħroġ sussidju qawwi għal min irid iħaffer bir jew ġiebja kbira.

It-tielet, isiru ġibjuni fl-iskola u l-housing estates.

Min-naħa tagħna, għandna naraw li ma nitfgħux skart barra, aktar w'aktar fil-widien. Dan, barra li jħammeġ l-ambjent, isodd minn fejn jgħaddi l-ilma bir-riżultat li dan jikkaġuna ħafna ħsara.

Hemm ħafna u ħafna aktar x'wieħed jgħid fuq dan, imma diġa' ktibt fit-tul wisq. Għalhekk nispiċċa b'appell lis-Siġġiwin kollha: Inżommu dan ir-raħal ħelu tagħna nadif xummiema. Nibżgħu għall-kampanja sabiħa li ddawwarna, u l-ewwel li ngawdu mill-frott ta' dan huwa aħna stess.

Fl-aħħarnett, wara li nkunu għamilna l-almu tagħna, nitolbu 'l ħanin Alla b'fidi u fiduċja biex jeħlisna mill-ħsarat u jberikna.

---

(ikompli minn paġna 6)

tagħna kien ikun bħal tagħhom għax bil-ħwejjeġ Ewropej ma tkunx komdu minħabba is-sħana kbira. Il-qmis twila u l-qalziet wiesgħa kien jissejjeħ Shalmar Qamis. Din ukoll tistgħu tarawha fir-ritratt għax it-tlieta li aħna lebsin hekk.

7. **X'mezzi ta' trasport kien hemm?**
Kien hemm il-karrozzi tal-linja għall-distanzi twal bejn belt u oħra. Kien hemm ukoll roti, karrettuni miġbuda bil-bullocks (barrin — imma mansi) u speċi ta' l-pushchairs tagħna fl-ibliet. Dawn il-pushchairs l-aktar li kienu jużawhom għal xi telgħa.

8. **Il-bniet u t-tfajliet li jibqgħu d-dar x'inhu x-xogħol tagħhom?**
Jaħdmu t-tapiti li jinbiegħu mis-sidien tagħhom u għalhekk il-qligħ jieħdu is-sid.

9. **Issa li erġajt qiegħed Malta kif tħossok wara esperjenza bħal din?**
Jiena nikkonkludi li aħna għandna tant affarijiet u dejjem nsibu biex ingergru u huma fil-faqar u n-nuqqasijiet kollha li għandhom dejjem ferħanin, jiżfnu u jkantaw li anki kienu jferrħu lilna u mhux l-ewwel darba li kellna nieqfu mix-xogħol biex b'hekk konna nuru l-apprezzament tagħna lejhom. Rajt ukoll ir-rispett kbir li kellhom lejna. Dan kont narah meta kienu jistednuna mmorru nieklu għandhom. Huma kienu jieklu ftit ross u lilna kienu jaraw kif u minn fejn jiddubbaw ftit laħam, platti u pusati biex b'hekk juru r-rispett tagħhom u jagħmlulna ikla aqwa minn tagħhom.



IL-BORD EDITORJALI
TA' "IS-SIĠĠIEWI"
JIXTIEQ
MILIED HIENI
U S-SENA TAJBA
LIS-SIĠĠIEWIN